# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 4/2022

11 ta' Marzu, 20221

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skuata:

| | |
|---|---|
| Joanna Abdilla | Skuata |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**4.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Joanna Abdilla. Hija kienet skużata mil-laqgħa.

**4.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti taż-żewġ laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

4.1.1 Is-Sindku kkonferma li ref punt 2.1.10 (żebgħa mar-roundabout tal-Karwija) x-xogħol taż-żebgħa madwar ir-roundabout kien sar.

4.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 2.2.2 (Laqgħa tat-Traffic Management) il-laqgħa kienet ġiet posposta u issa kienet ser issir nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu, 2022.

4.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 2.2.7 (Fondazzjoni Nanniet) il-fundatur kien ġie kkuntatjat sabiex ngħarrfuh li l-Kunsill kien qabel.

4.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ref punt 2.2.5 (Grow Trees) iż-żjara tal-Papa kinitx ser ittellef din l-attivita. Is-Sindku kkonferma li jekk ikun hemm xi indikazzjoni b'xi mod li din ser taffetwa l-attivita' kien ser jinforma lill-Kunsill.

4.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 2.3.4 (plakka taċ-Ċentru tad-Dimentia) il-Kunsill kien bagħat jistaqsi għala isem Dun Karm Lia ma kinitx tidher fuq il-plakka ta' barra pero' sa issa l-Kunsill ma kienx irċieva ebda risposta.

**4.2 Komunikazjzoni mis-Sindku**

4.2.1 Is-Sindku ressaq ittra għall-attenzjoni tal-Kunsill li kien irċieva mingħand Ambjent Aħjar fejn il-Kunsill kien mistieden juri l-interess tiegħu favur għaxar punti biex ikollna ambjent aħjar. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nuru l-interess tagħna.

4.2.2 Is-Sindku spjega l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali kienu għaddejin b'taħdidiet mal-ERA rigward il-ħlas tal-Eco Wardens. Is-Sindku spjega li meta kienu ġew l-Eco Wardens Ħal Safi dawn kienu tħallsu minn naħa tar-Reġjun Nofsinhar pero' sfortunatament ir-Reġjun kellu jwaqqaf din l-inizjattiva minħabba l-ispejjeż kbar li kienet qed tinvolvi din l-inizjattiva. Is-Sindku spjega li issa l-Assoċjazzjoni kienet qiegħda f'taħdidiet sabiex l-enforcement agents li jaħdmu mal-ERA jkunu jistgħu jagħtu s-servizz lill-Kunsill bla ħlas. Il-Kunsill iddiskuta l-inħawi l-aktar kruċjali li għandna Ħal Safi fosthom

Gnien Dun Karm Vella

Zurrieq Road
Triq San Ġorġ.
Triq ta’ Rqajja kantuniera ma Triq l-Ibragg

Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill m’għandux iħallas għall-enformement lokali

4.2.3 Is-Sindku spjega li r-Reġjun Punent kien ser jagħti bandiera lill-Kunsilli kollha tar-Reġjun. Is-Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill jixtri arblu ġdid għal din il-bandiera sabiex il-Kunsill ikun jista’ juża l-bandiera meta jkun hemm il-ħtieġa. Il-Kunsill qabel.

4.2.4 Is-Sindku spjega li kien kellmu persuna li qabel kien attiv ħafna fil-futbol. Is-Sindku spjega li din il-persuna kien qed jissuġerixxi sabiex l-memorji tat-teams tar-raħal bħal shields u ritratti jiġu rikoverati sabiex ma jintilfux. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jiprova li jsib il-persuni li nistgħu nikkuntatjaw, nagħmlu avviż fuq facebook page u sa kemm Ħal Safi jirnexxielu jkollu team tal-futbol jinżammu l-Kunsill.

.

4.2.5 Is-Sindku qal li l-librara kienet qed tissuġerixxi li torganizza attivita’ mal-użu tat-teknoloġija missintec. Huwa qal li kien qed jissuġerixxi li l-attivita’ tiġi abbinata mal-attivitajiet ta’ Jum Ħal Safi u ssir nhar is-Sibt 23 ta’ April. Il-Kunsill qabel.

4.2.6 Is-Sindku qal li kien irċieva talba sabiex il-Kunsill jgħin lil ġuvnott minn Ħal Safi jiġbor ikel sabiex jingħata lil food bank bħala parti mix-xogħol volontarju li għandu jagħmel sabiex jieħu sehem għal kompetizzjoni ta’ Mr Malta f’April li ġej. Is-Sindku spjega kien ser jiġbor l-ikel għal food bank li wara jgħaddi għal nies fil-bżonn b’mod volontarju. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li jagħti l-għajnuna li hemm bżonn.

Il-Viċi Sindku kien skużat mil-laqgħa minn 17:53 u rritorna 17:55

**4.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

4.3.1 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk issa li kienu tħabbru l-proposti kien ikun għaqli li l-Kunsill jerġa’ jara kienx hemm iċ-ċans li jsir l-underground parking taħt Ġnien Dun Karm Vella. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista’ jesplora u nressqu l-proposti mill-ġdid u naraw x’jissuċiedi. Il-Kunsill qabel.

4.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla avża li t-tappiera li kien hemm quddiem il-Kazin tal-Labour fi Triq iż-Żurrieq kienet qiegħda tħabbat.

4.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-bankijiet madwar ir-raħal kellhom bżonn jinzebgħu.

## 4.4 Jum Ħal Safi

4.4.1 Premju Onorifiċenza

Il-Kunsill iddiskuta s-Serata tas-Sibt 23 ta' April, meta ser jingħata l-Premju għal Ġieħ Ħal Safi. Il-Kunsill qabel li ġej:

Il-Kunsill jistieden lil Kor Sine Macula jamminaw is-Serata.

Il-Membri tal-Bord għal Premju:

| | |
|---|---|
| Tarcisio Barbara bħala Chairperson | Alfred Curmi |
| William Grech | Edwin Abdilla |
| Paul Callus | Jimmy Busuttil |
| Eddie Bonello | Gillian Bonello |
| Angela Zammit | Pauline Zammit |

Waqt is-Serata fejn jingħata l-Premju Onorifiċenza l-Kunsill qabel li jingħataw dawn ir-rikonoxximenti.

Agela Callus
Katrina Montebello
Joseph Zammit (attur li ħadem ħafna il-parti ta' Manwel Dimech)
Joe Cammilleri tal-Kumpanija E and L

Waqt l-istess serata l-Kunsill qabel ukoll li jingħataw dawn l-apprezzamenti bħala rikonoxximent li kienu ta' spalla u għenu lill-Kunsill.

Paul Callus
Alfred Curmi
Dorian Baldacchino
Steve Borg
Anthony Sultana
Brian Bugeja
Ramon Deguara

Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-ħin tal-quddiesa ta' radd il-Ħajr tal-Ħadd nikkonsultaw mal-Kappillan sabiex naraw x'ħin ser tkun iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.

**4.5 SPI/SCI/1/2022 Finanzjament għal-żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex**

Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema u qabel li l-*equipment* tal-bandli ma kellux bżonn jinbidel għalhekk din is-sena l-Kunsill seta' japplika biex isir ir-restawr tal-murial li diġa' hemm fil-bandli, jinbidlu l-gates minflok tal-injam isiru tal-ħadid għal aktar sigurta' fil-bandli u nitolbu kwotazzjoni ukoll sabiex isir *maintenance agreement* bħal ma diġa' kellna għal ħames snin oħra biex il-bandli jibqa' jsirilhom l-*maintenance* li jkollhom bżonn. Il-Kunsill qabel ukoll sabiex nitolbu parir jekk tistax ssir forma ta' tinda għal fuq l-equipment taż-żurżieqa sabiex niproteġa lil min ikun qed jilgħab mill-elementi tax-xita u l-qilla tax-xemx.

**4.6 Kuntratt Knis**

Il-Kunsill iddiskuta l-kuntratt tal-knis u qabel u l-sejħa għal dan il-kuntratt għandha ssir fuq ħaddiem wieħed bil-magna bil-kundizzjoni li meta ma tkunx qed taħdem il-magna l-kuntrattur irid jiprovdi ħaddiem ieħor minflok.

**4.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**4.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-4.30pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 20 ta' April fil-5:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv